# Metamorfosi

Audrey Friggieri

Inħares ċassa
niskanta lejn dawn subgħajja –
darba kienu jafu wiċċek bl-amment.
Bħal għamja kont immissek,
inħossok, biex għal dejjem nikkupjak.
Ħalli meta ż-żmien jifridna,
u ma jibqagħli xejn,
dik sbuħitek tibqa' miegħi,
jibqa' s-seħer tagħna t-tnejn!

Ħabbejtni lura,
forsi użajtni –
qatt ma ridt inkun naf.
Ħabbejt,
u kollox ħa l-kulur!
Kibruli l-għeruq – sirt siġra!
Spuntawli l-ġwienaħ – sirt ajkla!
Għoxejt fl-imħabba –
sakemm għoddha qatlitni –
biex bidlitni
u bdejt narmi d-dawl.